Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-17 ta' Frar, 2005

Rikors Numru. 1034/1997/1

**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA`**
**INGUSTIZZJI**
**MAGISTRAT**
**ONOR. M.MALLIA LL.D.**

Rikors Numru: 1034/97

Il-Perit Joseph Briffa
vs
Il-Prim Ministru, Is-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Minsitru, Id-Direttur Generali Management & Personnel Office fl-Ufficcju tal-Prim Ministru

Illum 17 ta’ Frar 2005

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikorsipprezentat mir-rikorrent fit-28 ta' Novembru 1997 fejn wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz ghall-habta tal-1993 huwa sofra ingustizzja f'li gie assimilat fi grad li ssotto valuta l-kariga ta' Assistent Direttur tax-Xogholijiet li huwa kien ilu jokkupa mill-1986. B'hekk huwa sofra ingustizzja fuq livell kemm ekonomiku, socjali u morali.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor:

Qabel ir-Riforma fis-Servizz Pubbliku li bdiet issehh mill-ewwel ta' Jannar 1991, il-Perit Briffa kien jokkupa l-kariga ta' Assistent Direttur fid-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici bejn l-1986 u l-1992. Din il-kariga kienet iktar prestigjuza, oghla fil-grad amministrattiv, iggor responsabiltajiet akbar u oghla fl-iskala tas-salarju ghal dik ta' P.O.III - allura ekwivalenti ghal dik ta' Kap Inginier Civili fl-istess Dipartiment, zmien qabel. {Skala ta' salarju: 5 jew 6 ghall-Assistent Direttur vis-a-vis 7 jew 8 ghall-P.O.III fl-Istaff Lists tal-1989 u 1990 rispettivi. Ara Dok A u B annessi}

L-Assistent Direttur kien oghla fil-grad minn Head Grade I fis-Servizz Pubbliku u ftit anqas minn Head Grade II, filwaqt li l-P.O.III kien fuq l-istess livell mal-Head Grade I. Skond Dok C anness, Ufficjali fi skala ta' Head Grade I kellhom jigu assimilati fi skala 4 u dawk f'Head Grade II fi skala 3. B'hekk l-Assistent Direttur, il-fuq minn Head Grade I u ftit anqas minn Head Grade II kellu jigi assimilat fi skala 3 u mhux 4.

Bir-Riforma r-rikorrent, bhala Assistent Direttur gie assimilat ugwalment u fl-istess livell ma' dawk li kienu jokkupaw il-kariga ta' P.O.III , fuq skala 5 definittivament u fuq skala 4 personali, u t-tnejn gew moghtija t-titlu ta' Kap Arkitett u Inginier Civili. (Ara Dok D anness)

B'hekk ir-rikorrent hass li gie 'demoted' mill-kariga ta' Assistent Direttur ghal dik ta' Kap Arkitett u Inginier Civili

ghax fil-fatt il-kariga ta' Assistent Direttur giet eliminata mid-Dipartiment.

Ghaldaqstant hu sofra ingustizzja kemm socjalment, moralment u ekonomikament fir-rigward ta' salarju u eventwalment fil-komputazzjoni tal-pensjoni li fuqha se jirtira.

Ir-rikorrent irritjena li la darba kien jokkupa kariga oghla ghal dik ta' P.O.III  u dan gie assimilat fuq skala 4 personalment, hu kellu jigi assimilat personalment fi skala 3, ghax fir-riforma il-motif kien li hadd ma kellu jmur lura (Ara rapport aktar dettaljat Dok E.)

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi r-rikorrent jigi assimilat fuq bazi personali fi skala ta' salarju Numru 3 mill-1 ta' Jannar 1991 u tigi moghtija lilu d-differenza fis-salarju minn dik ta' skala 4, u li l-pensjoni li fuqha sa jirtira tigi kkomputata a bazi ta' skala 3.

Jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jigi ordnat li jithallas kumpens ta' Lm5000, li  hu ferm inqas mill-ammont fil-kaz tar-rimedju mitlub.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti pprezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta ta' l-intimati fejn wiegbu illi :

1. Illi minghajr pregudizzju l-Att VIII ta' l-1997 ma jikkontemplax il-possibbilta` li t-Tribunal ikollu gurisdizzjoni li jissindika ftehim ta' riorganizzazzjoni  jew ftehim iehor

milhuq bejn il-Unions u l-Amminsistrazzjoni li fin-natura taghhom huma **policy** socjali.

Illi l-assimilazzjoni tal-grad ta' Assistent Direttur tax-Xogholijiet fi-Skala 5 saret skond il-ftehim milhuq f'Novembru 1993 bejn il-Gvern u l-Union Periti tal-Gvern u Parastatali dwar ir-riorganizzazzjoni tal-Periti u Inginieri Civili.

Illi qabel ir-riforma, il-grad ta' Assistent Direttur tax-Xogholijiet kien fi Skala 6, filwaqt li dak ta' **Proffessional Officer III** kien fi Skala 8. Permezz tar-riforma iz-zewg gradi gew assimilati fil-grad ta' Chief Architect & Civil Engineer fi Skala 5. L-istess ftehim kien jipprovdi illi dawk il-persuni li kellhom hatra ta' Assistent Direttur tax-Xogholijiet, kif ukoll dawk fil-grad ta' P.O.III , kellhom jigu assimilati Civil Engineer fi Skala 5 ma jikkonstitwixxi ebda ingustizzja.

Ghaldaqstant l-intimati talbu li dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti pprezentati mill-intimati.

Ra s-sentenza tieghu in parte tas-6 ta’ Marzu 2002 fejn cahad eccezzjoni preliminari ta’ gurisdizzjoni imqajma mill-intimati.

Sema’ x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi f’din il-kawza r-rikorrent qieghed jilmenta li wara r-riforma fis-servizz civili b’sehh mill-1 ta’ Jannar 1991 huwa gie demoted u ma giex moghti salarju fi skala li tirrispetta l-kariga li kellu.

Irrizulta mill-provi illi r-rikorrent serva bhala Assistent Direttur fid-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici bejn l-1986 u 1992 bi skala ta’ salarju numru 6. Wara r-riforma li giet

fis-sehh f'Jannar 1991 l-pozizzjoni ta' Assistent Direttur giet abbolita u l-Assistenti Diretturi gew mqeghda fil-grad ta' Chief Public Officers III bi skala tas-salarju numru 5. Peress li l-Assistenti Diretturi kienu jgawdu certa stima u ohrajn fic-Civil gew moghtija s-salarju skala 4, ir-rikorrent gie moghti din l-iskala numru 4 fuq bazi personali. Ir-rikorrent pero` ma kienx kuntent u jidhirlu li huwa ghandu jigi moghti l-iskala ta' salarju numru 3 peress illi qabel ir-riforma l-Assistenti Diretturi kienu meqjusa bhala Head II li wara r-riforma gew moghtija l-grad tas-salarju numru 3.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal jirrealizza illi meta l-Gvern beda l-process tar-riforma fis-servizz civili wahda mill-miri l-aktar importanti kienet li jnaqqas in-numru tas-skali li kellu fis-servizz. Dan in-numru minn 91 gie mnizzel ghal 20 u dan ifisser bil-fors assimilazzjonijiet ta' pozizzjonijiet fejn xi gradi gew abbolití u ohrajn riformati b'tali mod li s-servizz gie aktar "streamlined". Din ir-riforma ma kinitx immirata biss ghar-rikorrent u kienet tolqot lis-servizz civili b'mod generali. Ghalhekk irrizulta illi kien hemm hafna mpjegati illi jew telghu grad jew inkella baqghu fejn kienu. Jidher li kienet il-mira tal-Gvern illi f'din ir-riforma hadd ma jbati jew jitlef il-grad tieghu.

Fil-fatt irrizulta illi wara r-riforma, l-grad ta' Chief Public Officer III kien l-oghla wiehed wara dak ta' Direttur li allura kien grad oghla minn dak li kien fih ir-rikorrent qabel ir-riforma. Ir-rikorrent gab l-ezempju ta' l-Assistent Avukat Generali, l-Assistent Kummissarju tal-Pulizija u l-Assistent Direttur ta' l-Edukazzjoni illi qabel ir-riforma dawn kienu fuq skala numru 6 l-istess bhal ma kien ir-rikorrent bhala Assitent Direttur. Wara r-riforma dawn gew moghtija l-iskala numru 4 waqt li r-rikorrent gie moghti skala numru 5. Veru hawnhekk tidher li hawn anomalija u kienet ser issir ingistizzja fil-konfront ta' l-Assistenti Diretturi fi hdan id-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici u kien ghalhekk li il-Gvern li ddecieda li jgholli sa skala numru 4 dawn id-Diretturi fuq bazi personali, biex b'hekk gew ekwivalenti ghal l-Assitent Avukat Generali, Assistent Kummissarju u l-Assistent Direttur ta' l-Edukazzjoni.

Jidher li hemm konflitt fil-provi bejn dak illi xehed Leo Bencini Assitent Direttur fl-MPO a fol 92 u l-iskeda li pprezenta r-rikorrent a fol 137, fejn inghad li Deputies and Heads II taht l-iskala antika kellhom jitqiesu bhala u ufficcjali fi skala 3 taht ir-riforma l-gdida. Dan pero` ma jidhirx illi huwa l-kaz peress illi, r-rikorrent abbina tlett skali ta' salarji taht il-kappa ta' Head Grade II u cioe dawk numru 5, 6 (li kien igawdi r-rikorrent qabel ir-riforma) u numru 7, mentri fil-fatt huma dawk biss ta' skala 5 li jistghu jitqiesu bhala Head Grade II u l-ohrajn jaqghu f'pozizzjoni bejn dan l-akbar grad u Head Grade I. Barra minn hekk gie abbondantament ippruvat illi l-Assistent Avukat Generali, Kummissarju tal-Pulizija u Direttur ta' l-Edukazzjoni (fuq skala 6 qabel ir-riforma l-istess bhar-rikorrent) gew moghtija substantive grade numru 4. Wara r-riforma kif diga inghad, ir-rikorrent ukoll gie moghti din l-iskala numru 4 pero` fuq bazi personali u mhux bhala substantive grade. Fil-fatt din ma taghmel l-ebda differenza ta' xejn ghal dak li jirrigwarda s-salarju u l-pensjoni li tigi mahduma fuq l-iskala numru 4 l-istess bhal Assistenti Avukat Generali, Kummissarji tal-Pulizija u Direttur ta' l-Edukazzjoni. Fuq kollox it-Tribunal ma jridx jinsa wkoll li xi sena wara r-riforma r-rikorrent lehaq Direttur u b'hekk ibbenefika minn skala gdida.

Pero` f'dik is-sitwazzjoni li kienet tezisti wara r-riforma fl-1991 it-Tribunal jidhirlu li ma saritx ingustizzja fil-konfront tar-rikorrent peress illi jekk saru xi tibdiliet dawn kienu "across the board" u mhux immirati biss lejn ir-rikorrent. Veru li bhala POIII ir-rikorrent mar lura fil-grad li kien jokkupa qabel ma gie appuntat Assistent Direttur pero` dan kien qabel ir-riforma u ma tistax taghmel paraguni bejn iz-zewg parametri ghax l-iskali kollha gew mcaqalqa. L-importanti huwa li wara r-riforma l-grad ta' POIII huwa l-oghla wiehed illi xi hadd seta' jottjeni fi hdan id-Dipartiment tax-Xogholijiet qabel ma jilhaq Direttur. Mentri qabel ir-riforma dak il-grad kien wiehed inferjuri u kien hemm gradi ohra x'jintlahqu qabel ma wiehed seta' jasal ghal grad superjuri ta' Direttur. Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi dan il-paragun kif prova jaghmel ir-rikorrent ma jreggix, tant hu hekk illi sena wara huwa gie mlahhaq

Direttur haga li zgur ma kinitx tista' ssir illi kieku baqghet is-sitwazzjoni qabel ir-riforma fejn minn Public Officer III bi progression normali ma setax jilhaq Direttur.  Dan ifisser ukoll li daz-zmien kollu li ghamel bhala Assistent Direttur ma giex mitluf u gie meqjus aktar tard meta saru l-ghazliet ghad-Diretturi.

It-Tribunal ma jistax jissindika l-operat ta' l-Ezekuttiv meta fl-operazzjoni tar-riforma ghazel li jabolixxi pozizzjonijiet u mhux ohrajn.  L-importanti huwa illi hadd ma jitlef is-servizz li kellu jew inkella l-grad tas-salarju.  Kif tajjeb osserva r-rikorrent fin-nota tieghu wara r-riforma kulhadd zdied fis-salarju inkluz huwa.  Jilmenta biss illi huwa ma giex moghti dak il-grad tas-salarju li dehrlu li kellu jiehu. It-Tribunal jidhirlu illi din l-pretenzjoni tar-rikorrent hija nfondata.  Kien ikollu ragun jilmenta illi kieku baqa' fuq skala 5 meta ohrajn fl-istess skala li kellhom qabel bhar-rikorrent spiccaw fuq skala 4, pero` din l-anomalija giet sanata meta r-rikorrent gie moghti skala numru 4 fuq bazi personali.

Fl-ahhar ir-rikorrent ghamel ukoll paragun mal-Magistrati peress illi jidhirlu fuq l-"staff list" fi skala 3.  Is-Sur Bonnici spjega li hu kien qed jixhed fuq l-estimi, u f'dawn l-Magistrati ma jiffigurawx peress illi inqatghu ghalihom taht Judicial Class.

Bir-ragun il-Gudikatura bhala wahda mill-pilastri tal-istat flimkien mal-Ezekuttiv u l-Legislattiv m'ghandhiex tidher fil-lista tad-dipendenti tal-Esekuttiv u kien gie deciz li tinqata barra u tifformaklassi ghaliha l-istess bhal Legislattiv.  Ir-rikorrent ma jistax jaghmel paraguni fl-iskali bejn il-klassijiet u ghandu jillimita ruhu fil-klassi tal-Ezekuttuv li fiha jifforma parti.

It-Tribunal hawnhekk ma jara xejn ingust fl-operat ta' l-Ezekuttiv meta r-rikorrent gie ekkwiparat fi grad tas-salarju bhal Assistenti l-ohra, Avukat Generali, Kummissarju tal-Pulizija u Direttur ta' l-Edukazzjoni.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jiddeciedi illi jichad it-talba ta' l-attur.  Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------